BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Data tal-Pubblikazzjoni: 18 ta' Frar 2010**

**Suġġett: Ir-Rivista ta' Kull Tliet Xhur – ir-Raba' Ħarġa tal-2009**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ ir-raba' ħarġa tar-Rivista tiegħu ta' Kull Tliet Xhur għas-sena 2009 li tanalizza l-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta matul it-tielet trimestru tal-2009 u l-bidu tar-raba'.

Ir-Rivista tibda l-analiżi b'ħarsa lejn il-politika monetarja fiż-żona tal-euro, u tinnota li l-BĊE ħalla r-rata tal-imgħax fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament (MROs) l-istess, jiġifieri 1.00%, matul it-tielet u r-raba' trimestri, hekk kif l-iżviluppi fil-prezzijiet kienu mistennija jibqgħu kajmani matul il-perijodu applikabbli. Barra minn hekk, matul l-istess perijodu, il-BĊE implimenta miżuri ġodda biex iħajjar is-self u jitjiebu l-kundizzjonijiet fis-sistema finanzjarja. Dawn kienu jinkludu b'mod partikolari żieda fil-likwidità b'rati ta' imgħax fissi b'allokazzjoni sħiħa b'firxa ta' perijodi ta' maturità. F'Diċembru, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jibqa' jmexxi l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament taħt forma ta' sejħiet għall-offerti b'rata fissa u b'allokazzjoni sħiħa sakemm dan jibqa' meħtieġ u mill-inqas sat-13 t'April 2010. Madankollu, il-BĊE ta x'jifhem li kien ser jibda l-proċess tat-tneħħija gradwali tal-miżuri t'emerġenza li jsostnu l-likwidità.

Ir-Rivista mbagħad tikkummenta fuq il-kondizzjonijiet ekonomiċi internazzjonali u tosserva li fit-tielet trimestru tal-2009 l-attività globali wriet aktar sinjali ta' rkuprar. L-attività ekonomika tal-pajjiżi industrijalizzati ewlenin ċkienet b'rata iżgħar, filwaqt li l-irkuprar fl-ekonomiji emerġenti deher aktar avvanzat. Barra dan, il-pressjonijiet inflazzjonarji globali baqgħu kajmani. Sadanittant, fiż-żona tal-euro kien hemm aktar sinjali li t-tnaqqis qawwi fl-attività ekonomika wasal fi tmiemu fit-tielet trimestru. It-tkabbir annwali fil-PDG reali kiber għal -4.0% minn -4.8% fit-trimestru ta' qabel, għalkemm il-qgħad kompla jiżdied. Ir-rata annwali tal-inflazzjoni mkejla skont l-Indiċi

Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP), kienet waħda negattiva matul it-tielet trimestru, iżda saret pożittiva f'Novembru, u spiċċat is-sena fil-livell ta' 0.9%. Meta tħares 'l quddiem ir-Rivista tosserva li t-tbassir ta' Diċembru 2009 tal-istaff tal-BĊE għaż-żona tal-euro jindika tkabbir annwali fil-PDG reali ta' bejn 0.1% u 1.5% fl-2010, filwaqt li l-inflazzjoni mistennija li tvarja bejn 0.9% u 1.7%.

Dwar l-ekonomija Maltija, ir-Rivista tinnota li t-tnaqqis fl-attività ekonomika jidher li qed riesaq lejn tmiemu. Il-PDG f'termini reali ċkien bi 2.1% fuq bażi annwali, li hu anqas mit-tnaqqis li kien hemm fit-tieni trimestru. Kien hemm titjib fil-konsum privat u f'dak tal-gvern kif ukoll fl-investiment. Madankollu, l-istokks u l-esportazzjoni netta kienu qed jikkontribwixxu negattivament għat-tkabbir ekonomiku. Minkejja dan, l-istħarriġ fost in-negozji tal-manifattura u s-servizzi kompla juri sinjali ta' stabilizzazzjoni matul l-aħħar trimestru.

Fir-rigward tal-iżviluppi fil-prezzijiet, ir-Rivista tinnota li r-rata annwali tal-inflazzjoni HICP niżlet konsiderevolment matul it-trimestru, minn 2.8% f'Ġunju għal 0.8% f'Settembru. Dan irrifletta tnaqqis sostanzjali fir-rata tat-tkabbir fil-prezzijiet tal-ikel u tas-servizzi. Ir-rata annwali tal-inflazzjoni kompliet tinżel fit-trimestru ta' wara biex saret waħda negattiva f'Ottubru u spiċċat is-sena fil-livell ta' -0.4%.

Fis-suq tax-xogħol, il-kondizzjonijiet baqgħu batuti matul it-tielet trimestru, bl-impjiegi jonqsu bil-mod minn sena għall-oħra filwaqt li l-qgħad baqa' ġeneralment stabbli matul it-trimestru wara li kien żdied fl-ewwel sitt xhur tas-sena.

Dwar l-iżviluppi fil-bilanċ tal-pagamenti, ir-Rivista tosserva li l-kont kurrenti żbilanċja ruħu matul it-tielet trimestru. Dan ġara minħabba bilanċ negattiv fuq trasferimenti u ħruġ nett akbar fil-kont tad-dħul mill-investimenti, flimkien ma tnaqqis qawwi fil-bilanċ pożittiv fuq is-servizzi. Dan iċ-ċaqliq għeleb it-tnaqqis fil-bilanċ negattiv fil-kont tal-kummerċ.

Dwar il-kompetittività esterna ta' Malta, ir-Rivista tinnota li din baqgħet taħt pressjoni minħabba li l-apprezzament tal-euro xejjen il-gwadann mit-tnaqqis fir-rata relativa tal-inflazzjoni ta' Malta. Il-*unit labour costs* komplew telgħin, għalkemm b'rata anqas imgħaġġla, minħabba li l-kumpens lill-impjegati kompla jiżdied filwaqt li l-produttività naqset. Lejn l-aħħar tas-sena, il-kompetittività ta' Malta ibbenifikat kemm minn euro aktar dgħajjef kif ukoll minn tnaqqis fl-inflazzjoni domestika.

Fl-analiżi tagħha tal-iżviluppi fiskali, ir-Rivista turi li matul l-ewwel disa' xhur tal-2009 l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali kiber bi ftit meta mqabbel mal-istess perijodu fl-2008, hekk kif id-dħul naqas b'aktar mill-infiq. B'mod partikolari, naqas id-dħul mit-taxxi indiretti minħabba li battiet in-nefqa għall-konsum u naqas in-negozju fis-suq tal-proprjetà. Id-dejn tal-gvern ġenerali kompla jikber.

Fl-analiżi tax-xejriet monetarji, ir-Rivista tinnota li l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji Maltin għall-aggregat monetarju sħiħ taż-żona tal-euro naqset matul it-tielet trimestru, hekk kif ċkienu d-depożiti tar-residenti. Fl-istess waqt, kompla jikber is-self lir-residenti, għalkemm b'mod aktar moderat, filwaqt li d-dejn nett ta' residenti barra ż-żona tal-euro kompla jikber. Għalkemm ir-rati uffiċjali tal-imgħax baqgħu l-istess matul l-aħħar sitt xhur tal-2009, kien hemm tnaqqis fir-rati tal-imgħax fis-suq tal-flus lokali u fir-rendimenti ta' bonds tal-gvern. Mill-banda l-oħra, il-prezzijiet tal-ishma komplew jirkupraw.

L-aħħar stimi tal-Bank jindikaw li l-ekonomija Maltija ċkienet bi 2.2% fl-2009, peress li kontribuzzjoni pożittiva mill-esportazzjoni netta ma kienetx biżżejjed biex tagħmel tajjeb għat-tnaqqis fil-konsum domestiku. Matul l-2010 hu mistenni li l-ekonomija tirkupra u li l-PDG reali jikber b'1.1%. Il-Bank qed jistenna li l-inflazzjoni HICP tinżel għal 1.7% fl-2010. Ir-Rivista temfasizza li dwar dawn l-istimi hemm element kbir ta' inċertezza u hemm riskju ta' tnaqqis fl-istimi tal-PDG minħabba li s-sitwazzjoni ekonomika globali għadha waħda instabbli.

Dwar il-politika ekonomika, ir-Rivista tgħid li hekk kif l-irkuprar ekonomiku jibda jirranka, l-attenzjoni għandha ddur fuq konsolidazzjoni fiskali, sabiex id-defiċit tal-gvern jitnaqqas skont kif jitolbu r-regoli fiskali tal-UE. Fl-istess ħin, huwa mportanti li l-Gvern jiżgura li l-ekonomija jkollha infrastruttura adegwata u jieħu miżuri li jtejbu l-livell tas-snajja tal-ħaddiema. Ir-Rivista tisħaq ukoll fuq il-bżonn li jitkomplew jitwettqu r-riformi strutturali sabiex tissaħħaħ il-kompettitività.

Ir-raba' ħarġa tar-Rivista ta' Kull Tliet Xhur għall-2009 tinsab fuq il-*website* tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org.